MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 263/2013

**Saliba Mario**

**-vs-**

**Sammut Paul et**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Paul Sammut u Victoria Sammut li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu lil din il-Qorti (1) tordna r-revoka u t-thassir tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 205/13 fl-ismijiet Mario Saliba vs Paul Sammut et (Prim’Awla tal-Qorti Civili) u/jew (2) tordna lir-rikorrent Mario Saliba sabiex igib garanzija tajba biex taghmel tajjeb ghal kull danni eventwali li jistghu joffru l-esponenti u dan fi zmien li jigi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas tordna l-hrug tal-kontro-mandati opportuni u, (3) tikkundanna lis-socjeta’ attrici

dawk il-penali li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, kemm jekk tilqa' l-ewwel talba jew tilqa' t-tieni talba.

Rat ir-risposta ta' Mario Saliba li sostna, ghar-ragunijiet moghtija fit-twegiba tieghu, illi l-Qorti ghandha tichad it-talba tal-konjugi Sammut.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dan ir-rikors Paul u Victoria Sammut qeghdin jitolbu lil din il-Qorti thassar mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghhom minn Mario Saliba li jsostni li sofra danni wara nuqqas taghhom li jipprovdulu fond adegwat biex jahdem fih.

Doveruz ghall-Qorti ttenni illi, f'dan l-istadju, kull ezami li trid taghmel il-Qorti huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. Skrutinu fil-fond huwa riservat ghall-Qorti fil-kawza bejn il-partijiet.

Il-Qorti, inoltre tifhem illi kull mandat jikkreja diffikulta' u inkonvenjent, pero' dan irid ikun dejjem bilancjat mad-dritt ta' kull parti f'kawzi li jikkawtela b'kull mod li taghtiha l-ligi d-drittijiet li ssostni li ghandha.

Dan premess, il-Qorti tinnota illi ghadhom ma tressqu lilha ebda hjiel tal-ammont ta' danni li qieghed jippretendi Mario Saliba minghand il-konjugi Sammut. It-twegiba tieghu ghal dan ir-rikors, ghalkemm guramentata, ma taghti ebda dettall ta' dak li qed jippretendi, nuqqas dan li l-Qorti ma tistax tinjora tenut kont tal-ammont konsiderevoli li qed jikkawtela s-sekwestru de quo.

Ir-rikorrenti jibbaza t-talba tieghu fuq tliet disposti tal-Art. 836(1), u cioe' is-sub-artiklu (c) li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat.

"*(c) Li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik*

*il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni.*"

Is-sub-artiklu (d) li jipprovdi ghall-kaz meta:

"*(d) Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv.*"

U s-sub-artiklu (f) li testwalment jipprovdi illi:

"*(f) Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*"

Il-Qorti tiskarta minnufih il-possibilita' ta' thassir tal-mandat a tenur tas-sub-artiklu (c). Ma ngabet ebda prova ta' ebda garanzija pprovduta.

Mhux l-istess, pero', ghal dak li jirrigwarda s-sub-artiklu (d). Il-Qorti ma ghandha ebda konfort f'dan l-istadju li l-ammont sostanzjali ta' €340,000 huwa reali. Il-Qorti ssostni li b'dan ma hija qieghda bl-ebda mod tippregudika s-sitwazzjoni stante li l-kawza ghadha fi stadju ferm bikri u ghadhom ma nstemghu ebda provi.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Paul Sammut u Victoria Sammut u tordna li jithassar il-mandat ta' sekwestru Nru. 205/13.

Ir-rikorrenti qieghed jitlob ukoll lill-Qorti sabiex timponi penali skont il-ligi.

L-Art. 836(8) jaghti s-setgha lill-Qorti li taghmel dan f'diversi cirkostanzi elenkati fl-istess artiklu tal-ligi. din il-Qorti ma tqisx li tezisti ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi u ghalhekk l-impozizzjoni ta' penali mhijiex gustifikata.

Kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------